MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**MARIO SCERRI**

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2011

Talba Numru. 7/2011

Michael Bugeja

vs

Joseph u Antoinette konjugi Cutajar

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fil-25 ta’ Marzu 2011, li jaqra hekk :-

‘Jghidu l-kovenuti ’l ghala dana l-Onorabbli Tribunal m’ghandux jikkundanna lilhom jew lil min minnhom ihallsu l-ammont ta’ tmintax –il mitt Ewro (€1,800), rapprezentanti bilanc minn ammont akbar minnhom dovut wara self *brevi manu* maghmul mir-rikorrenti a favur taghhom lura f’Mejju 2010, u liema ammont kellu jithallas lura minnhom sa l-1 ta’ Gunju 2010; haga illi huma naqsu illi jaghmlu u dana minkejja l-interpellazzjonijiet tal-mittenti f’das-sens, u dana kollu kif sejjer jigi ppruvat fil-mori ta’ dina l-procedura ;

Bl-ispejjez inkluz €25 ta’ l-ittra interpellatorja datata l-21 ta’ Marzu 2011, u bl-imghax legali sa mill-1 ta’ Gunju 2010, sad-data ta’ l-effettiv pagament.’ ;

Il-konvenuti Joseph u Antoinette konjugi Cutajar permezz tar-risposta taghhom ipprezentata fis-6 ta’ Mejju 2011, eccepew :-

‘1. Illi t-talbiet tal-attur huma nfondati fid-dritt u fil-fatt ;

2. Illi l-ammont pretiz mill-attur mhuwiex dovut stante li dak li kien dovut lilu mill-konvenut gie mhallas kollu lura ;

3. Illi infatti kien l-attur stess li rrikonoxxa l-hlas ghas-saldu ta’ dak kollu li kien dovut lilu mill-konvenut u dan minn kif jidher mid-dokument hawn anness u mmarkat bhala dokument JC1 ;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.’ ;

Sama’ l-provi tal-partijiet ;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha ;

Ra li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza ;

Ikkunsidra :

Din hi kawza ta’ reklam ta’ flus li skont l-attur kien silef lill-konvenut Joseph Cutajar f’Mejju 2010, fl-ammont ta’ elfejn Euro (€2,000), li minnhom il-konvenut ghadu hallas lura lill-attur is-somma ta’ mitejn Euro (€200), u halla bilanc ta’ elf u tmien mitt Euro (€1,800) ;

Il-konvenut jichad li l-attur kien silfu din is-somma, u jikkontendi li huwa m’ghandu jaghti xejn aktar lill-attur billi l-flus li kien silfu l-attur kien hallashom kollha lura lill-attur fid-19 ta’ Mejju 2010. L-attur jispjega pero’ li s-self li kien sar lill-konvenut fl-ammont ta’ elfejn Euro (€2,000) m’ghandu ebda konnessjoni mas-self tas-somma ta’ tmienja u erbghin elf Euro (€48,000) li l-attur kien silfu

f’okkazjoni ohra precedenti u li kienu gew restitwiti lill-attur fid-19 ta’ Mejju 2010. Skont l-attur dawn kien silifhomlu lill-konvenut f’okkazjoni ohra wara li kien gie saldat is-self ta’ tmienja u erbghin elf Euro (€48,000) f’Mejju 2010 ;

Fejn il-verzjonijiet provvduti mill-partijiet huma dijametrikalment opposti ghal xulxin, jinsab deciz li ‘mhux kwalunkwe’ tip ta’ konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f’dak l-istat ta’ perplessita’ li minhabba fih ma tkunx tista’ tiddeciedi b’kuxjenza kwieta u jkollha taqa’ fuq ir-regola ta’ l-*in dubio pro reo*. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa’ soggett ghall-izbalji tal-percezzjonijiet tieghu u ghall-passjoni, huma haga li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha .... .... Meta l-kaz ikun hekk, il-Qorti m’ghandhiex taqa’ comb fuq l-iskappatoja tad-dubju, imma ghandha tezamina bl-akbar reqqa jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita’ u specjalment dwar il-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke’ fuq il-bilanc tal-probabilita’ u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f’kawza civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant .... .... . Anzi’, f’kazijiet bhal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn verzjoni u ohra, aktar tidher il-possibilita’ tal-qerq da parti ta’ xi wiehed mill-kontendenti.’ [Prim’Awla, Qorti Civili, **Carmelo Farrugia vs Rokku Farrugia**, deciza fl-24 ta’ Novembru 1966, per Imhallef Maurice Caruana Curran]. Inghad ukoll li ‘fi kwistjoni ta’ kredibilita’ u apprezzament ta’ provi il-kriterju ma huwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni imma jekk l-ispjegazzjoni hiex possibbli u minn awl id-dinja fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja.’ [Appell Sede Inferjuri, **Joseph Borg et vs Joseph Bartolo**, 25 ta’ Gunju 1980]. Inghad ukoll li : ‘Fil-kamp civili, il-gudikant ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet.’ (**Eucaristico Zammit vs Eustrachio Petrococchin**o, Appell Kummerc, 25 ta’ Frar 1952; **Paul Vassallo vs Carmelo Pace**, Appell Civili, 5 ta’ Marzu 1986). U ‘meta l-verzjonijiet taz-zewg partijiet fil-kawza t-tnejn huma kredibbili u verosimili,

l-Qorti ma tistax tiddecidi favur l-attur, jekk ma jkunx hemm prova sufficjenti fuq bilanc tal-probabilitajiet favur l-istess attur. Fi kwistjoni ta’ kredibilita` u apprezzament ta’ provi, il-kriterju mhux jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni, imma jekk dik l-ispjegazzjoni hiex probabbli u minn lewn id-dinja fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja. Hafna drabi, bhala provi spiss jassumu rilevanza determinanti certu provi cirkostanzjali, materjali u fattwali li jaghtu piz korroborattiv lil verzjoni u mhux lil ohra, u li allura jirrendu verzjoni aktar kredibbli u attendibbli mill-ohra. Elementi ta’ prova dawn, li proprju ghaliex newtri, oggettivi u mill-fonti indipendenti, spiss iwasslu l-gudikant biex jirrisolvi l-vertenza indipendentement mill-verzjonijiet konfliggenti tal-partijiet f’kazijiet fejn dawn ikunu mtappna jew minn interess jew mill-impressjonijiet zbaljati u konfuzi ta’ kif ikunu sehhu l-affarijiet.’ [Qoti tal-Appell, **Saviour Cremona et vs Anthony Cassar et**, deciza fit-23 ta’ Settembru 2009] ;

Dan it-Tribunal fela bir-reqqa l-provi kollha. Il-verzjoni tal-attur tinsab korroborata minn dik ta’ Sonia Scicluna, is-siehba tieghu, li tikkonferma li l-attur kien silef din is-somma lill-konvenut u li kien ghaddihomlu fil-prezenza taghha, u tispjega x’kienu c-cirkostanzi u r-ragunijiet l-ghaliex l-attur kien silfu din is-somma lill-konvenut. Anke’ Josmar Zammit, li jigi hu Sonia Scicluna jikkonferma li fil-prezenza tieghu kien hemm okkazjonijiet fejn l-attur talbu lura dawn il-flus lill-konvenut, u l-konvenut kien iwieghedu li ser jaghtihomlu u jibqa’ ma jaghtih xejn ;

Jirrizulta li mill-ammont ta’ elfejn Euro (€2,000), il-konvenut kien hallas lill-attur is-somma ta’ mitejn Euro (€200). Dan it-Tribunal mhuwiex daqstant konvint mill-ispjegazzjoni moghtija mill-konvenut fix-xhieda tieghu, u li kieku l-konvenut ma kienx qed jirrikonoxxi li kellu jaghti dawn l-elfejn Euro (€2,000) lill-attur, ma kienx sejjer jaghtih il-hlas mitejn Euro (€200) minnhom. Minkejja li l-konvenut kien inghata l-opportunita’ biex iharrek lin-Nutar Anthony Hili billi skond hu, in-Nutar kien jaf li l-hlas li qed jitlob l-attur mhuwiex realment dovut, u li l-attur qed jibbaza l-kawza tieghu fuq pretensjoni falzz, huwa naqas li jressaq din il-prova ohra, u dan it-Tribunal ghandu biss

quddiemu l-verzjoni tal-konvenut li mhija sottratta minn ebda prova ohra ;

Mill-provi li ghandu quddiemu dan it-Tribunal huwa soddisfatt li l-attur irnexxhielu jipprova l-pretensjoni tieghu ghar-reklam tas-somma li qed jitlob minghand il-konvenut bhala hlas lura tal-flus li kien silfu fl-ammont ta’ elfejn Euro (€2,000), u t-talba tieghu ghall-bilanc ta’ €1,800 timmerita li tigi milqugha ;

Ghaldaqstant ghall-motivi premessi dan it-Tribunal qed jaqta’ u jiddeciedi l-kawza billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, jilqa’ t-talba tal-attur u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur l-ammont bilancjali ta’ elf u tmien mitt Euro (€1,800), ammont li kien gie misluf *brevi manu* mill-attur lill-konvenut. Billi ma giex miftiehem hlas ta’ mghax u l-attur baqa’ ma nterpellax lill-konvenuti b’ittra ufficjali fejn zammohom responsabbli ghall-hlas tal-imghax fuq dan il-bilanc wara Gunju 2010, hemm lok ghall-applikazzjoni tal-artikolu 1849 tal-Kodici Civili, Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-imghax skond il-ligi fuq dan il-bilanc ghandu jibda jiddekorri millum sal-effettiv pagament ;

Spejjez ta’ din l-istanza kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------